

Medjazzjoni transkonfinali tal-familja - Awstrija



Fil-kawżi tal-liġi tal-familja Awstrijaċi, il-qorti tagħmel mill-aħjar li tista' biex tinstab soluzzjoni amikevoli. Biex dan isir, tista' tordna sessjoni ta' informazzjoni inizjali dwar il-medjazzjoni jew tirrakkomanda l-medjazzjoni (l-Artikolu 107(3), Nru 2 tal-Att dwar il-Proċedimenti Mhux Kontenzjużi, *Außerstreitgesetz*). Għalkemm timijiet ta' medjaturi binazzjonali jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-medjazzjoni tal-familja fl-Awstrija, huma jridu jiġu kkostitwiti fuq bażi *ad hoc* permezz tal-Ministeru Federali tal-Ġustizzja (*Bundesministerium für Justiz*), bħala l-awtorità ċentrali, u l-assoċjazzjonijiet ta' medjazzjoni privata.

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

L-aħħar aġġornament: 03/09/2018